# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 460/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Gilmour Stellini**

iben Anthony, imwieled Pieta', fit-2 ta' Gunju, 1993, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 252893(M)

Illum, 24 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gilmour Stellini quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta' April, 2012 ghal habta ta' 7:25hrs, fl-inhawi ta' Wied Kandja, tal-Handaq, fil-limiti tas-Siggiewi, ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Tajra Safra, mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja jew prova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-iskeda II, u cioe' Tajra Safra;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew prova jikkaccja xi ghasfur mhux inkluz fl-iskeda II;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi prova jikkaccja, ha jew prova jiehu b'xi mezz li jkun xi ghasfur, u cioe' Tajra Safra u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja jew prova jikkaccja xi ghasfur, u cioe' Tajra Safra, minghajr ma kellu licenzja adatta ghal dik l-attivita mahruga lilu taht ir-regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi jew taht xi ligi ohra;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala persuna licenzjata ghal stagun tal-kacca tar-Rebbiegha, 2012, bi ksur ta' dawn ir-regolamenti u cioe' ghal stagun tal-kacca tar-Rebbiegha, huwa kiser dawn ir-regolamenti jew xi regolamenti ohra appliabbli jew bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' xi licenzja jew permess meta kkaccja tajra Safra.

Il-Qorti giet mitluba li barra taghti l-piena taht ir-regolment 27 ta' l-A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 4(1), 5, 18(1)(b), 12(1), 16(a) tal-LS 504.71, A.L 79 ta' l-2006 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €2,300, ordnat il-konfiska tal-arma tan-nar u l-oggetti ezebitti u issospendiet il-licenzja tal-kacca tal-imputat ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Gilmour Stellini tat-28 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija jew fin-nuqqas tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti li sabet htija  pero' tikkancellaha f’dik il-parti fejn erogat il-piena u il-konfiska ta’ l-arma u minflokk taghti piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz minghajr il-konfiska ta’ l-arma.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1) Il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b’mod ragonevoli kif ukoll legali tasal ghas-sejbin tal-htija fil-konfront ta’ l-appellant u dan stante li mill-provi kif prodotti hemm dubju serju fuq l-identifikazzjoni ta’ l-imputat.

1.1. Dan qieghed jintqal peress li dan il-kaz huwa msejjes fuq filmat li gie migbud fuq il-post gurnata qabel l-appellant gie mitkellem mill-pulizija. L-ebda xhud li telghet il-prosekuzzjoni ma identifikat b’mod dirett lill-appellant bhala l-persuna li kienet fuq il-post dakinhar li allegatament sar ir-reat.  Fil-fatt, ix-xhieda kollha tal-Bird Life xehdu li huma kienu maghmrin b’diversi ‘*cameras*’ u trombi liema apparat kien qieghed minn kmieni filghodu jigbed fuq il-post ta’ l-incident u huma identifikaw l-appellant biss wara li raw il-filmat taghhom.  L-appellant jissottometti li la darba x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kienux kapaci jidentifikawh b’mod dirett, u la darba dawn l-istess xhieda kellhom addirittura joqghodu jaraw il-filmati taghhom, dan il-fatt fih inifsu jikrea dubju fuq jekk dak li jihder fil-filmat huwiex l-imputat.  Dan jidher evidenti stante li l-pulizija giet imsejha fuq il-post gurnata wara.

1.2. Illi dan il-filmat gie ezebit quddiem il-Qorti flimkien ma ritratti mehudin minnhu. L-esponenti jerga’ itenni li dakinhar ta’ l-incident huwa ma kienx fuq il-post u ghaldaqstant il-persuna li tidher fil-filmat u fir-ritratti ma jistax ikun hu jekk dan il-filmat verament ittiehed gurnata qabel gie mitkellem mill-pulizija.

1.3. Ta’ importanza huwa l-fatt li minn hemm jidher jikkaccja fuq il-filmat ezebit ma hux car kif ma humiex cari r-ritratti ezebiti.

1.4. Fil-verita', ix-xhieda tal-Birds Life xehdu li kienu ilhom sieghat josservaw u jigbdu filmati fuq il-post in kwistjoni. Pero' dak li gie ezebit quddiem il-Qorti kien biss filmat ta' ftit sekondi. X'gara qabel jew wara ma nafux. Ghalhekk anke l-awtenticita ta' dan il-filmat hija dubjuza ghax dan il-filmat ma giex ezebit fl-intier tieghu imma l-filmat li gie ezebit kien jikkonsisti biss fi ftit sekondi.

1.5. Illi minghajr pergudizzju ghal dak li ghadu kemm intqal, dan il-filmat huwa ukoll inammissibbli f'dawn il-proceduri minhabba li gie migbud minghajr il-kunsens tal-persuna. Fil-mori tal-proceduri, ix-xhieda tal-Bird life xehdu li l-filmat li kienu qed jiehdu ma kienx immirat fuq ix-xenarju li kellhom quddiem imma kien immirat b'mod dirett u iffokat b'mod dirett fuq il-kaccattur u dan minghajr il-kunsens tieghu. Ghalkemm l-ghan tal-membri tal-Bird Life hu wiehed ammirabbli dan ma jffissirx li jistghu jinjoraw kompletament d-drittijiet fundamental tal-bniedem kif ukoll l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 440). Jekk dak li jidher fil-filmat huwa l-appellant, huwa qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex il-membri tal-Bird Life jiehu filmat tieghu u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax taccettah bhala prova.

2. Il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b'mod legali jew ragonevoli tasal ghas-sejbin tal-htija fil-konfront ta' l-appellant fuq dak li allegatament l-appellant qal li PS305.

2.1. Illi l-Qorti tal-Magistrati fil-kunsiderazzjonijiet taghha tat importanza kbira lill-affidavit ta' PS305. Fil-fatt, dan il-filmat gie muri mill-pulizija lill-appellant gurnata wara l-incident minn PS305 u wara li rah l-appellant allegatament qallu li dak fuq il-filmat kien hu pero cahad li kien spara fuq tajra protetta. Din il-versjoni ta' PS305 hija kontestata ghal diversi ragunijiet.

2.2. Minn l-affidavit ma jirrizultax li PS305 qal lill-appellant li kien se jurih filmat li ttiehed gurnata qabel fejn allegatament kien qieghed jidher hu jispara lejn tajra protetta. Skont l-affidavit hu kien kellem lill-appellant pero' ma jirrizultax minn l-istess affidavit li kien spjegalu li dan il-filmat kien ittiehed gurnata qabel. Ghalhekk, il-Qorti tal-Magistrati

ma setghetx  qatt tassumi dan il-fatt u tikkonsidra dan l-affidavit sabiex tpoggi lill-imputat appellant fuq ix-xena tad-delitt. Jekk l-appellant ma kienx jaf li dan il-filmat ittiehed gurnata qabel, allura dak li allegatament qal lill-PS305 ma jikrea l-ebda reita' bejn l-appellant u l-gurnata ta' l-incident.

2.3. L-appellant jissottomtti wkoll li bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, kunsiderazzjonijiet mill-Qorti fuq dak li allegatament qal l-appellant ma setghatx issir u dan peress li meta gie mitkellem l-appellant mill-pulizija, fl-ebda hin u fl-ebda moment ma nghata t-twissija li dak li kien se jghid setgha jintuza kontrih il-Qorti. Ghal din ir-raguni dik il-parti ta' l-affidavit fejn is-Surgent 305 kiteb dak li allegatament qallu l-appellant hija nammissibli u ma tistax tintuza f'dawn il-proceduri.

2.4. Meta PS305 mar ikellem lill-appellant, huwa kien jaf li kien ser ikellmu fuq reat li allegatament l-appellant kien ikkommetta gurnata qabel. Kien jaf ukoll li kien se jurih filmat fejn kien qieghed jigi allegat li huwa kien il-kaccatru li spara fuq Tajra Safra. Ghaldaqstant is-Surgent 305 kien jaf li kien ser ikellem suspettat ta' reat u l-inqas haga li kellu bhala Pulizija jaghmel kienet li jaghti s-solita twissija lill-appellant. Minghajr dik it-twissija, l-appellant jissottometti bir-rispett li dak li setgha qal lis-Surgent huwa nammissibli bhala prova fil-proceduri li gew istitwiti kontra tieghu. Jekk dan mhux il-kaz allura d-dritt ta' l-appellant li jibqa' sikiet ikun qieghed jigi vjolat.

2.5. Fis-semplicita' tieghu dan l-aggravju jikkonsisti fl-inabilita' fir-rikonoxximent ta' l-ghasfur li jidher fil-filmat. Il-prosekuzzjoni resqu xhieda li kollha kemm huma qallu li wara li raw il-filmat huwa waslu ghal konkluzzjoni li l-ghasfur kien Tajra Safra. Bir-rispett kollu din kienet biss opinjoni ta' dawn ix-xhieda u ibbazzata fuq is-semplici raguni li fiz-zmien li qieghdin nitkellmu dwaru, mill-mod li dan l-ghasfur beda jtir u minhabba li din it-tajra kienet ta' lewn isfar, allura bil-fors kienet Tajra Safra. Rigward il-mod u l-manjiera li ittir t-Tajra Safra, fil-filmat jidher biss ghasfur imnaffar minhabba it-tiri. Apparti minn hekk l-appellant jistiden li din l-onorabbli Qorti tara il-filmat u jekk tikkonferma u tkun moralment konvinta li dik il-haga li tider ittir b'velocita hija Tajra Safra allura tinjora dan l-aggravju.

3.1 Jigi sottomess ukoll li sabiex tingharaf tajra minn ohra irid ikun hemm opinjoni ta' espert fuq il-materja. Fil-fatt il-pulizija kienet hadet il-parir u l-opinjoni ta' Stanley Gatt stante li ma kienitx certa li l-ghasfur in kwistjoni kien Tajra Safra. Bir-rispett, ghalkemm jista' jkun li Stanley Zammit huwa espert fuq dan is-suggett, huwa ma kienx imqabbad mill-Qorti kif gieli sar f'kawzi ohra. Ghaldaqstant l-qorti ma setghetx tikkonsidra l-opinjoni tieghu.

3.2 Id-dubju jibqa vigili f'dan il-kaz stante li l-identifikazzjoni ta' dan l-ghasfur hija dipendenti biss fuq il-filmat u ritratti esebitti. L-ebda tajra ma giet esebita. Fil-fatt l-anqas il-membri tal-Bird Life stess ma kienu certi li qed jitkellmu fuq Tajra Safra ghax kieku kienu certi kienu jitolbu l-assitenza tal-pulizija dakinhar ta' l-incident stess u mhux jistennew li l-ghada biex jirrapurtaw. Pero' kumbinazzjoni imbaghad fuq il-post sabu l-istess kaccatur.

3. Il-Qorti tal-Magistrati injorat kompletament l-provi li resqet id-difisa.

4.1 Illi ghalkemm l-appellant ma xehedx f'dawn il-proceduri huwa pproduca lil Elton Borg bhala xhud. Elton Borg bir-gurament xehed li fid-data ta' l-incident huwa kien qieghed ghal kacca faccata tal-post in kwistjoni. Spjega li huwa habib ta' l-appellant u ta' sikwiet imorru ghal kacca flimkien pero' dakinhar l-appellant ma kienx mieghu. Dan ix-xhud informa lill-Qorti li din l-ghalqa kienet tintuza minn diversi kaccaturi u dakinhar ta' l-incident l-appellant ma kienx qieghed jikkaccja fiha. Kieku l-appellant kien hemm, bil-gurament stqarr li setgha facilment jarah. Fil-kontro ezami li sar mill-prosekuzzjoni huwa zamm ma din il-verzjoni.

4.2 Mis-sentenza tal-Qorti jirrizulta li l-verzjoni li ta dan ix-xhud giet kompletament injorata meta ma kienx hemm raguni ghalfejn issir dan. Anzi l-Qorti ma setghet b'mod ragonevoli tinjora din x-xhieda u dan peress li Elton Borg kien l-unika persuna li taf lill-imputat u bil-gurament taghha ikkonfermat li huwa ma kienx il-kaccattur li kien qieghed jikkaccaja fil-post ta' l-incident. L-ebda persuna mill-membri tal-Bird Life ma kienu

kapaci b'mod dirett jgharfu lill-imputat appellant u ghaldaqstant ix-xhieda tieghu ma setghetx tigi skarata mill-Qorti.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dawn l-aggravji, l-appellant jissottometti li l-Qorti ma setghetx tordna l-konfiska tas-senter ghax ma giex ippruvat li s-senter li gie kkonfiskat mill-pulizija huwa l-istess senter li allegatament intuza f'dan ir-reat. L-appellant fil-fatt gie mitlub li jmur ghand il-pulizija granet wara l-incident u l-pulizija talbuh igib s-senter mieghu. Issegwi ghalhekk li ma jfissirx li dak is-senter li ha mieghu l-appellant kien l-istess senter li allegatament uza biex spara fuq din it-tajra protetta. Ghaldaqstant ma jirrizulta minn imkien mill-process li s-senter li gie kkonfiskat b'dan il-mod mill-pulizija kien l-istess senter li ntuza biex gie kommess ir-reat.

5. Illi finalment u dan ukoll minghajr pregudizzju ghal l-aggravji fuq il-mertu, l-piena nflitta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kienet wahda esagerata. F'dan il-kaz, it-tajra in kwistjoni ma gietx maqtula, l-appellant ghalkemm cahad l-allegatament incident ikkopera mal-pulizija u l-fedina penali tieghu hija wahda relattivament netta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja u ix-xiehda ma gietx traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti kellha tinsa mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Ghandu jigi rilevat li hemm xhud tad-difiza li offra x-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti izda ebda wahda mill-partijiet hasset il-bzonn li dan ix-xhud joffri x-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi dan hu kaz li gara fis-26 ta' April, 2012 meta xi volontiera tal-Bird Life Malta hadu video ta' persuna li sparat ghal fuq tajra protetta fil-post hawn fuq indikat. Ir-rapport sar l-ghada meta dawn il-membri ta' din l-ghaqda talbu l-asistenza tal-pulizija biex tmur tkellem lill-persuna li kienet qed tikkaccja f'dura partikolari. Fil-fatt, il-pulizija marru fuq il-post u bdew ikellmu lill-appellant u urewh video footage tal-gurnata ta' qabel.

Illi preliminarjament, ghandu jigi sottolineat li s-surgent li kellem lill-appellant ma tah ebda twissija fis-sens li dak li ser ighid jista' jingieb bhala prova kontra tieghu. Ma ghandhiex ghalfejn nghidu li suppost l-appellant kellu jkollu l-beneficcju tal-assistenza legali. Dan igib il-konsegwenza li r-rapport tas-surgent ma jista' qatt jingieb bhala prova kontra l-appellant. Ma ifisser ukoll li din il-Qorti ghandha tezamina l-provi l-ohra migjuba mill-prosekuzzjoni u minn hemmhekk tislet jekk il-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni.

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-video footage ezebit fl-atti ta' din il-kawza. Fil-fehma taghha mill-footage ezebit jirrizulta car kemm il-kaccatur kif ukoll l-ghasfur isfar li jghaddi b'heffa kbira minn quddiem il-camera.

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti xehdu Hendricus Albricus Pluijmakers u Stephen Miller li t-tnejn li huma gharfu l-persuna li sparat lejn it-Tajra Safra hemm fil-Qorti u kemm fuq il-video footage li hi l-istess persuna li kienet qed tikkaccja fis-26 ta' April, 2012. Huma gharfu ukoll it-tajra in kwistjoni u din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz ma hemm ebda htiega li kellu jitqabbad espert in materja. Ma ninsewx li meta sehh dan il-kaz l-istagin tal-kacca kien miftuh ghall-gamiem u ghas-summien, ghasafar li ma ghandhom ebda kulur isfar fl-ghamla taghhom.

Illi minn dan li nghad hawn fuq jirrizulta car li din il-Qorti hi konvinta li ma hemm ebda dubju fuq l-identifikazzjoni tal-appellant bhala l-persuna li dak in-nhar 26 ta' April, 2012 kienet fuq il-post u li hi l-istess persuna li jinsab fuq il-video footage. Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistax jirnexxi.

Illi dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda dak li qal s-surgent qed isir referenza ghal dak li ntqal hawn fuq. Jerga jigi mtenni li din il-Qorti ma tat ebda kaz tax-xiehda ta' dan l-ufficjal tal-pulizija.

Illi din il-Qorti qed tinjora t-tielet aggravju ghaliex hi konvinta li dak li rat fil-video footage hi Tajra Safra.

Illi d-difiza ma gabet ebda prova in difesa u ghalhekk ir-raba' aggravju ma jjistax jigi milqugh ghaliex din il-Qorti ma kellhiex il-beneficcju li tisma tali provi li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti ma taqbel xejn mat-tezi tal-appellant dwar il-prova tal-arma. Ma hemm ebda dubju li l-arma li giet moghtija lill-pulizija hi ta' proprjeta' tal-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Gilmore Stellini u qed tikkonferma s-sentenza appellata.